# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 12 ta’ Frar, 2001**

**Numru : 3**
**Citaz. Numru : 33/01/RCP**

**Joseph Ciscaldi**

**vs**

**Teri R Campbell u Marco J Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premetta:

Illi l-konvenuti huma debituri lejn l-attur fis-somma ta’ elf u hmistax-il lira (Lm1015) liema somma hija dovuta bhala prezz ta' kiri ta' vettura u ta' danni kagunati fl-istess vettura waqt li dina kienet fil-pussess taghhom.

Illi l-konvenuti gew interpellati ihallsu din is-somma u sahansitra tawh l-pagament li pero' ma issarrafx mill-bank u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi ressqu kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' dan id-debitu.

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u hmistax-il lira (Lm1015) dovuta skond il-premessi.

Bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur a fol 4 tal-process.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u hmistax-il lira (Lm1015) dovuta skond il-premessi.

Bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**12 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Frar, 2001**